

Brussell, 1 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11516/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0209(CNS)

COH 41
POSEIDOM 5

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 392 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jissospendi temporanjament id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 392 final.

Mehmuż: COM(2021) 392 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
COM(2021) 392 final

2021/0209 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jissospendi temporanjament id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011¹ ippreveda s-sospensjoni temporanja tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji. Il-Gżejjer Kanarji jagħmlu parti mir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jkunu previsti miżuri speċjali għalihom, skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), sabiex jingħelbu l-iżvantaġġi ekonomiċi li dawn ir-reġjuni jsofru minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom.

Il-miżuri previsti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011, li kellhom l-għan li jsaħħu l-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi lokali u b'hekk jiżguraw impjeg aktar stabbli f'dawn il-gżejjer, jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2021. F'April 2021, il-gvern ta' Spanja talab l-estensjoni tas-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni għal għadd ta' prodotti. Skont it-talba, ir-restrizzjonijiet li qed jiffaċċa r-reġjun, li huma strutturali u permanenti, għadhom relatati mal-iżolament, id-daqs żgħir tas-suq u l-frammentazzjoni tiegħu. Minħabba dawn il-limitazzjonijiet, il-Gżejjer Kanarji għandhom kost ta' produzzjoni u trasport oġġla, u kostijiet ambjentali oġġla. Huma lanqas ma jistgħu jibbenefikaw mill-globalizzazzjoni bl-istess mod bħal reġjuni Ewropej oħrajn. L-iskema ta' sospensjoni mitluba hija maħsuba biex tnaqqas dawn ir-restrizzjonijiet fis-suq tal-Gżejjer Kanarji.

Barra minn hekk, fl-istess kuntest, l-awtoritajiet Spanjoli talbu s-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal seba' kategoriji ġodda ta' prodotti koperti mill-kodiċijiet NM 3903 19, 5603 94, 5604 10, 7326 90, 7607 20, 8441 40 u 8479 90.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-Komunikazzjoni tal-2017 dwar "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"² tinnotta li r-reġjuni ultraperiferiċi għadhom iħabbtu wiċċhom ma' sfidi serji, li ħafna minnhom huma permanenti. Din il-Komunikazzjoni tippreżenta l-approċċ tal-Kummissjoni f'termini ta' appoġġ lil dawn ir-reġjuni biex jibnu fuq l-assi uniċi tagħhom u ta' identifikazzjoni ta' setturi ġodda li jippermettu t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

F'dan il-kuntest, l-għan ta' din il-proposta huwa li tappoġġa lir-reġjun ultraperiferiku ta' Spanja biex jibni fuq l-assi tiegħu sabiex jippermetti t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fis-settur lokali. Din il-proposta tissupplimenta l-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI), li għandu l-għan li jappoġġa s-settur primarju u l-produzzjoni tal-materja prima, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-finanzjament tal-Allokazzjoni Addizzjonali Speċifika tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

Il-Gżejjer Kanarji jibbenefikaw minn miżuri simili oħrajn (tnaqqis fit-tariffi awtonomi), pereżempju, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1785 tas-16 ta' Novembru 2020³ jipprevedi l-ftuħ ta' kwoti tariffarji awtonomi għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji. Barra minn hekk, dan ir-reġjun ultraperiferiku jibbenefika minn eżenzjonijiet jew

¹ ĠU L 345, 29.12.2011, p. 1.

² COM(2017) 623 final.

³ ĠU L 403, 1.12.2020, p. 1.

tnaqqs parzjali fit-taxxa AIEM⁴ li huma previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1792 tas-16 ta' Novembru 2020⁵.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konformi mal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-politika kumplessiva għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-politiki fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, il-kompetizzjoni, l-ambjent, l-intrapriża, l-iżvilupp u r-relazzjonijiet esterni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 349 TFUE. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Kunsill, b'kont meħud tar-restrizzjonijiet soċjali u ekonomiċi strutturali tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (inklużi l-bogħod, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija diffiċli u d-dipendenza klimatika u ekonomika tagħhom fuq f'tit prodotti) jadotta miżuri speċifiċi li jaġġustaw l-applikazzjoni tat-Trattati għal dawk ir-reġjuni. Dawk il-miżuri jikkonċernaw oqsma speċifiċi, inklużi, fost l-oħrajn, il-politiki doganali u kummerċjali.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Din it-tip ta' azzjoni tintuża regolarment bħala strument biex issaħħaħ il-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi. L-impożizzjoni ta' kontrolli tal-użu aħħari f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu hija proċedura stabbilita f'dan il-kuntest u ma toħloqx piżijiet amministrattivi sinifikanti u supplimentari għall-awtoritajiet reġjonali u lokali u għall-operaturi ekonomiċi.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta hija għal Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-grupp ta' esperti "Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja" (ETQG) li jassisti lill-Kummissjoni fit-tnejn tal-proposti tal-Kunsill tagħha fil-qasam tal-miżuri tariffarji awtonomi, ġie kkonsultat dwar din il-proposta.

⁴ It-taxxa magħrufa bħala "Arbitrio sobre las Importaciones y Entregas de Mercancías en las islas Canarias" (it-taxxa AIEM).

⁵ ĠU L 402, 1.12.2020, p.13.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Biex teżamina l-impatti tal-miżuri, il-Kummissjoni talbet l-informazzjoni neċessarja mingħand l-awtoritajiet Spanjoli. L-awtoritajiet Spanjoli pprovdew *data* dwar il-prodotti kkonċernati li kienu ġew importati fil-Gżejjer Kanarji u inkludew analiżi ta' dawk il-prodotti.

Inġabret ukoll informazzjoni għal suġġetti speċifiċi, bħal pereżempju l-impjegi (mingħand l-Istitut tal-Istatistika tal-Gżejjer Kanarji), it-turiżmu (l-istatistika uffiċjali dwar it-turiżmu fil-Gżejjer Kanarji) u l-konsum (l-Ewrobarometru).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Il-proposta għandha l-għan li ttawwal il-miżuri attwali li jiskadu fi tmiem l-2021. Valutazzjoni tal-impatt mhix ġustifikata minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat ħafna tal-miżuri u l-fatt li ma hemm l-ebda tibdil sinifikanti fir-rigward tal-effetti mistennija.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul. Id-dazji doganali mhux miġburin jammontaw għal madwar EUR 3,3 miljun fis-sena. L-effett fuq ir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-baġit huwa ta' EUR 2,5 miljun fis-sena (jiġifieri 75 % tat-total). Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta f'aktar dettall.

It-telf tad-dħul f'riżorsi proprji tradizzjonali għandu jiġi kkumpensat bl-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-Istati Membri abbażi tal-kontribuzzjonijiet għar-riżorsi.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jissospendi temporanjament id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011⁶, is-sospensjoni tad-dazju għal ċerti oġġetti kapitali għall-użu kummerċjali jew industrijali, importati fil-Gżejjer Kanarji, tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021.
- (2) F'April 2021, il-gvern ta' Spanja talab l-estensjoni tas-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni għal għadd ta' prodotti f'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat. Il-miżuri stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1386/2011 ikkontribwew b'mod pożittiv għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-Gżejjer Kanarji, b'mod partikolari fl-industrija u l-kostruzzjoni, u b'hekk naqqsu l-impatt qawwi tal-iżvantaġġi ekonomiċi u kummerċjali kkawżati mid-distanza, l-insularità u ċ-ċokon ta' dawn il-gżejjer.
- (3) L-ekonomija tal-Gżejjer Kanarji għadha affettwata b'mod negattiv miċ-ċokon tas-suq tal-gżejjer, mill-frammentazzjoni u l-bogħod tiegħu mill-Ewropa, b'mod partikolari l-livell għoli ta' qgħad u l-ispejjeż ogħla fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni minn dawk tal-operaturi ekonomiċi fl-Ewropa kontinentali. Filwaqt li r-rata tal-qgħad tal-Gżejjer Kanarji wriet xi titjib sal-2019, il-qgħad żdied minn 20,5 % fl-2019 għal 22,6 % fl-2020, ferm ogħla mill-medji nazzjonali u tal-Unjoni ta' 15,5 % u 7,1 %, rispettivament (Eurostat, 2021).
- (4) Barra minn hekk, il-kriżi tal-COVID-19 waqqfet l-attività turistika fil-Gżejjer Kanarji li, fl-2020, wasslet għal tnaqqis stmat ta' madwar 20 % tal-PDG. Barra minn hekk, kien hemm reċessjoni fl-attività tal-kostruzzjoni u industrijali bi tnaqqis stmat ta' 13 %, meta mqabbel mal-2019.
- (5) Huwa għalhekk xieraq li tiġi estiża s-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal ċerti oġġetti kif elenkati fl-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 1386/2011 sabiex:

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji (ĠU L 345, 29.12.2011, p. 1).

- tiżgura s-sostenibbiltà tal-effetti pożittivi tar-Regolament (UE) Nru 1386/2011;
 - tikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija;
 - tiżgura tkabbir kostanti u l-ħolqien ta' impjiegi fl-industrija u l-kostruzzjoni;
 - issaħħaħ l-innovazzjoni;
 - tnaqqas id-dipendenza tal-ekonomija lokali fuq is-settur tas-servizzi;
 - tikkomplementa miżuri oħrajn iddedikati għall-istabbilizzazzjoni tal-ambjent ekonomiku u soċjali fil-Gżejjer Kanarji.
- (6) Minbarra l-kategoriji tal-prodotti koperti mir-Regolament (UE) Nru 1386/2011, fl-istess kuntest il-gvern ta' Spanja talab is-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal seba' kategoriji ġodda ta' prodotti koperti mill-kodiċijiet NM 3903 19, 5603 94, 5604 10, 7326 90, 7607 20, 8441 40 u 8479 90. Jenħtieġ li dik it-talba tiġi aċċettata peress li dawk is-sospensjonijiet, li jinkludu magni għal skopijiet industrijali u materja prima, isaħħu l-ekonomija tal-Gżejjer Kanarji.
- (7) Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi li jinsabu fit-territorju tal-Gżejjer Kanarji biss jibbenefikaw minn dawk il-miżuri tariffarji, jenħtieġ li s-sospensjonijiet isiru kundizzjonali fuq l-użu aħħari tal-prodotti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2447⁸.
- (8) F'każ ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni li jippermettulha tirtira temporanjament is-sospensjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw il-kontinwità wara li jiskadi r-Regolament (UE) Nru 1386/2011. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu applikati l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2031,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2031, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni, imsemmijin fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, applikabbli għall-importazzjonijiet fil-Gżejjer Kanarji ta' oġġetti kapitali għal użu kummerċjali jew industrijali koperti mill-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu sospiżi kompletament.

Dawn l-oġġetti għandhom jintużaw f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u tar-Regolament (UE) 2015/2447 għal perjodu ta' mill-

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

inqas 24 xahar wara r-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera mill-operaturi ekonomiċi li jinsabu fil-Gżejjer Kanarji.

Artikolu 2

Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2031, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni, imsemmijin fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 applikabbli għall-importazzjonijiet fil-Gżejjer Kanarji ta' materja prima, partijiet u komponenti koperti mill-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness II u użati għat-trasformazzjoni industrijali jew għall-manutenzjoni fil-Gżejjer Kanarji, għandhom jiġu sospiżi bis-sħiħ.

Artikolu 3

Is-sospensjoni tad-dazji msemmijin fl-Artikoli 1 u 2 għandha tkun soġġetta għal superviżjoni doganali tal-użu aħħari skont l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Artikolu 4

1. Meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet biex temmen li s-sospensjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu wasslu għal devjazzjoni tal-kummerċ ta' prodott speċifiku, hija għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jirtiraw is-sospensjoni temporanjament fir-rigward ta' dak il-prodott għal perjodu mhux itwal minn 12-il xahar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 5(2).

Id-dazji tal-importazzjoni fuq prodotti li għalihom is-sospensjoni tkun ġiet irtirata b'mod temporanju għandhom jiġu protetti b'garanzija, u r-rilaxx tal-prodotti kkonċernati għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Gżejjer Kanarji għandu jkun bil-kundizzjoni li dik il-garanzija tingħata.

2. Meta l-Kunsill jiddeċiedi, f'konformità mal-proċedura stabbilita fit-Trattat, f'perjodu ta' 12-il xahar, li jenħtieġ li s-sospensjoni tiġi rtirata b'mod definittiv, l-ammonti tad-dazji protetti bil-garanziji għandhom jinġabru b'mod definittiv.
3. Jekk ma tiġi adottata l-ebda deċiżjoni definittiva fil-perjodu ta' 12-il xahar f'konformità mal-paragrafu 2, il-garanziji għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, stabbilit bl-Artikolu 285(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUSSIVAMENT LIMITAT GĦAN-NAĦA
TAD-DĦUL

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Ir-Regolament tal-Kunsill li jissospendi temporanjament id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji.

2. LINJI BAĠITARJI:

Kapitolu u Artikolu: Kap. 12 Art. 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena 2021: € 17 605 700 000

3. IMPATT FINANZJARJU

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(f' miljuni ta' EUR sa ċifra waħda wara l-punt decimale)

Linja baġitarja	Dħul ¹⁰	perjodu, jibda jj/xx/ssss	[Sena 2022 –2031]
Artikolu 120	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	01/01/2022 - 31/12/2031	-2,5/sena

Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet dwar investiment fit-tul jenħtieġ li s-sospensjonijiet proposti jibqgħu fis-seħħ għal 10 snin.

Il-proposta tissostitwixxi l-miżuri introdotti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011 li jiskadi fil-31.12.2021.

Stima tal-ispiża ta' din l-operazzjoni

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet reġjonali, l-impatt fuq it-telf tad-dħul li jirriżulta minn dan ir-Regolament huwa stmat għal MEUR 3,3 (ammont gross, inklużi l-ispejjeż tal-ġbir) x 0,75 = MEUR 2,5/sena għall-perjodu 01.01.2012 - 31.12.2021. Madankollu, peress li l-proposta ttawwal il-miżuri li huma fis-seħħ bħalissa, prattikament mhu se jkun hemm l-ebda bidla fil-livell tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali mhux miġburin, meta dan ir-regolament jidhul fis-seħħ.

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Se jitwettqu kontrolli fuq l-użu aħħari ta' wħud mill-prodotti koperti minn dan ir-Regolament tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru

¹⁰ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti taz-zokkor, dazji doganali) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis tal-25 % tal-ispejjeż tal-ġbir.

952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.